**10 ta' Ottubru, 1991**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**
**Onor. Prof. Victor Borg Costanzi B.A., LL.D.**

Frank Cachia

*versus*

Onorevoli Prim Ministru in
rappresentanza tal-Gvern ta' Malta,
u għal kull interess li jista' jkollhom,
Marcelle Borg Grech u Joseph Borg Grech.

**Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smiegħ Xieraq – Imparzjalità – Imħallef – Rikuża ta' Ritrattazzjoni – Liġi, Applikazzjoni ħażina tal-**

*Rikors b'liema ġie allegat li s-smiegħ tar-ritrattazzjoni fuq il-bażi ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi mill-istess persuni li jkunu taw is-sentenza ritrattata jivvjola d-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat. Il-Qorti osservat li ġudikant ma jistax jidher mill-partijiet imparzjali meta jiġi biex jikkunsidra talba li huwa jkun, f'sentenza tiegħu, applika l-liġi ħażin.*

Il-Qorti: – Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-28 ta' Settembru, 1990, fil-kawża fl-ismijiet fuq indikata, li tgħid kif ġej:

"Il-Qorti: – Rat ir-rikors preżentat fl-14 ta' Frar 1990, minn Frank Cachia kontra l-Onor Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, u għall-interess li jista' jkollhom Marcelle Borg Grech u Joseph Borg Grech, li fih huwa issottometta:

1. Illi huwa għandu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, talba għar-ritrattazzjoni minn sentenza in parte tal-istess Qorti tal-Appell ta-30 ta' Jannar, 1989, fl-ismijiet "Marcelle Borg

Grech f'isimha u bħala mandatarja tal-assenti Joseph Borg Grech vs Frank Cachia (Rikors Numru 498/81);

2. Illi l-bażi tar-ritrattazzjoni hija interpretazzjoni ħażina tal-liġi, u dina l-kawża ġiet għas-smiegħ quddiem l-istess Qorti tal-Appell komposta mill-istess imħallfin li ddeċidew l-ewwel sentenza; l-esponent talab ir-rikusazzjoni tal-imħallfin sedenti a bażi tal-artikolu 734(d) (ii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

3. Illi minħabba li l-artikolu 814 tal-istess Kodiċi jiddisponi illi: "it-talba għar-ritrattazzjoni għandha issir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata w jistgħu joqogħdu l-istess imħallfin jew maġistrati", l-esponent issottometta li dan l-artikolu jmur kontra l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali reżi esegwibbli f'Malta bl-Att XIV tal-1987, u talab li din il-kwistjoni tiġi riferita lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bħala Qorti kompetenti a tenur tal-Artikolu 4(3) tal-Att XIV tal-1987;

4. Illi fil-15 ta' Jannar, 1990, il-Qorti tal-Appell iddeċidit illi ma kienx hemm lok li tibgħat il-kwistjoni sollevata lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili billi il-kawża hija bejn individwi u fiha l-istat m'huwa bl-ebda mod involut, u l-azzjoni għal rimedju minħabba ksur ta' drittjiet fundamentali kontemplat fl-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 tista' tiġi eserċitata biss kontra l-Istat;

5. Illi konsegwentement l-istess imħallfin baqgħu jippresjedu fil-Qorti tal-Appell bis-saħħa tal-aħħar parti tal-artikolu 814 tal-Kap. 12 li tgħid: ".... u jistgħu joqogħdu l-istess imħallfin jew maġistrati";

6. Illi is-smiegħ tar-ritrattazzjoni msemmija mill-istess imħallfin, u il-parti tal-artikolu 814 imsemmija, jivvjolaw id-dritt fundamentali tal-esponent sanċit bl-artikolu 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 u dan billi l-bażi tar-ritrattazzjoni hija applikazzjoni ħażina tal-liġi a tenur tal-artikolu 734(d)(ii) tal-Kap. 12 u il-mertu fil-kwisjtoni li trid tiġi deċiża huwa l-istess mertu deċiż mill-istess imħallfin u bejn l-istess partijiet fid-deċiżjoni li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u konsegwentement il-Qorti m'hijiex 'imparzjali' ai termini tal-liġi billi ebda Qorti li trid tippronunċja ruħha dwar l-operat tagħha stess ma tista' qatt tkun 'imparzjali';

7. Għaldaqstant l-esponent talab bir-rispett li dina l-Qorti jogħoġobha:

(i) tiddikjara li il-kliem tal-artikolu 814 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta: "..... u jistgħu joqogħdu l-istess imħallfin jew maġistrati", jivvjolaw id-dritt fundamentali tal-esponent sanċit bl-artikolu 6(1) fl-Ewwel Sked tal-Att XIV tal-1987, u konsegwentement is-smiegħ tal-kawża ta' ritrattazzjoni mill-istess imħallfin li iddeċidew is-sentenza fuq imsemmija tat-30 ta' Jannar 1989 jivvjola wkoll id-dritt fundamentali tal-esponent sanċit bl-istess artikolu 6(1); u (ii) tagħti dawk ir-rimedji kollha neċessarji, tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fuq imsemmija jiġu protetti u salvagwardati anke jekk hemm bżonn billi tiddikjara nulla l-imsemmija parti tal-artikolu 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fuq ċitata; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta presentata mill-Onorevoli Prim Ministru fejn huwa issottometta:

1. Illi preliminarjament ir-rikors promotur jinħtieġ li jiġi korrett billi jitħassru il-kliem "sede kostituzzjonali" peress li dina l-Qorti hi waħda w indiviżibbli u m'hiex maqsuma f'xi sede kostituzzjonali u xi sede oħra;

2. Illi dejjem in linea preliminari meta titqajjem kwistjoni bħal dik imsemmija fir-rikors f'xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u issir talba biex l-istess tiġi riferita lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dik il-Qorti, **għandha** wara li u jekk tiddeċidi li l-kwistjoni m'hix waħda frivola jew vessatorja, tirreferi il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (artikolu 4(3) tal-Att XIV imsemmi) u jekk dik il-Qorti tiddeċidi li t-tqanqil tal-kwistjoni hu firvolu u vessatorju ma jkunx hemm appell min dik id-deċiżjoni (artikolu 4(5) tal-istess Att XIV);

3. Illi ma jirriżultax mir-rikors promotorju li l-Qorti tal-Appell iddeċidit li it-tqanqil tal-kwistjoni kien frivolu jew vessatorju; jidher dejjem mill-istess rikors, li dik il-Qorti minflok daħlet fil-mertu tal-kwistjoni, iddeċidit li "il-kawża hija bejn individwi u fiha l-Istat m'huwa bl-ebda mod involut, u l-azzjoni għal rimedju minħabba ksur ta' drittijiet fundamentali kontemplat fl-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 tista' tiġi eserċitata biss kontra l-Istat";

4. Illi jekk il-Qorti tal-Appell fil-fatt iddeċidit li t-tqanqil tal-kwistjoni kien frivolu jew vessatorju wieħed irid l-ewwelnett jara jekk dan ir-rikors hux "forma ta' appell" mill-pronunċjament awtorevoli ta' Qorti kompetenti, fejn skond il-liġi hemm divjet espress ta' appell, u għalhekk għandu jiġi dikjarat null u bla effett;

5. Illi jekk mill-banda l-oħra l-Qorti tal-Appell ippronunċjat ruħha fuq il-mertu, u mhux irreferiet il-kwisjtoni lill-Prim'Awla, dan mhux skond il-liġi, l-ewwel għaliex il-Qorti tal-Appell ma għandhiex ġurisdizzjoni tiddeċidi kwistjonijiet bħal dik (liema ġurisdizzjoni tirrisjedi biss fil-Prim'Awla u fil-Qorti Kostituzzjonali), u t-tieni għaliex il-kliem tal-liġi hu tassattiv, fis-sens li ġaladarba ma tkunx sabet it-qanqil firvolu jew vessatorju, dik il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni, iżda **għandha** tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla. Illi għalhekk il-proċeduri odjerni huma nulli, kif ritenut f'każ simili fl-ismijiet "Angelo Spagnol vs Prim Ministru" deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Jannar 1989;

6. Illi jiġi sottomess bir-rispett illi il-motivazzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, (almenu kif riportata fir-rikors) m'hix konformi mal-liġi, dan għaliex ma hemm xejn fl-Att XIV indikat li jagħmel ċerti artikoli (u mhux oħrajn) tal-Konvenzjoni parti mill-liġi ta' Malta, li jillimita l-applikazzjoni tiegħu għall-azzjoni kontra l-Istat, tant hu hekk li t-tieni artikolu tal-istess Konvenzjoni ma ġiex inkorporat fil-liġi. Barra min hekk l-ilment tar-rikorrent jidher li hu kontra l-Qorti tal-Appell, u ħadd ma jista' jgħid li l-organi ġudizzjarji m'humiex parti mill-Istat;

7. Illi jekk il-parti mill-artikolu 814 li minnha qed jilmenta ir-rikorrent tmur kontra id-disposizzjonijiet ta' xi artikolu tal-Konvenzjoni inkorporat fl-Att XIV, dik l-istess parti ma għadhiex parti mill-liġi ta' Malta għaliex l-istess Att jipprovdi li "fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, sa fejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett (artikolu 3(2) tal-Att XIV). Illi għalhekk hawn non si

tratta ta' ksur ta' drittijiet sanċiti bil-Konvenzjoni Ewropeja, iżda ta' kwistjoni jekk dik il-parti tal-artikolu 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li minnha qed jilmenta ir-rikorrent, hiex fis-seħħ jew le, u għalhekk il-proċeduri permezz ta' *rikors intavolati mir-rikorrent m'humiex ritwali;*

8. Illi fil-meritu, l-artikolu 814 tal-Kap. 12 ma jgħidx li l-istess imħallfin (jew maġistrati) **għandhom** joqgħodu f'kawża ta' ritrattazzjoni, iżda jgħid biss li dawn **jistgħu**. Dawn jistgħu, naturalment fil-limiti tal-prinċipji tal-ġustizzja li japplikaw fil-korp kollu tal-liġi Maltija. Per eżempju ma hemmx dubbju li dawn għandhom jirrikużaw ruħhom jew jastjenu jekk jirriżultalhom li għandhom interess personali;

9. Illi l-esponent mhux leġittmu kontradittur għal dak li jirrigwarda l-operat tal-ġudikatura, u hu biss f'dik il-kawża in kwantu qed tiġi attakkata il-validità tal-artikolu 814 tal-Kap. 12. Għal kull ħaġa oħra hu ma għandu l-ebda *locus standi* f'din il-kawża u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

*Rat ir-risposta tal-intimati* AIC *Joseph Borg Grech* u Marcelle Borg Grech fejn esponew:

Illi huma irrimettew ruħhom għall-ġudizzju ta' dina l-Qorti, salv li huma ma għandhomx ibatu spejjeż jekk jinsab li xi parti mill-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (u mhux l-artikolu 814 kif indikat fir-rikors promotorju) tmur kontra l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ladarba l-esponenti ma humiex leġislaturi; illi inoltre huma talbu li dina l-Qorti jogħġobha tiddeċidi ir-rikors mill-aktar fis possibbli peress li Frank Cachia qiegħed jagħmel ħiltu kollha biex jiddilunga il-

proċeduri ta' żgumbrament deċiżi kontra tiegħu fil-prim'istanza, li kienu inbdew fl-1981;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi il-fatti li wasslu għar-rikors odjern bdew fl-1981 meta l-intimat Borg Grech ippreżentat rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera kontra ir-rikorrent biex huwa jiġi żgumbrat minn post f'Marsascala; il-Bord fit-22 ta' Frar, 1983 ċaħad eċċezzjoni preliminari dwar il-kompetenza sollevata min Cachia, sar appell u dan ġie deċiż fl-10 ta' Ottubru, 1983 billi ġiet konfermata id-deċiżjoni tal-Bord;

Illi fil-11 ta' Frar, 1987, il-Bord iddeċida il-mertu tar-rikors u ordna l-iżgumbrament ta' Cachia mill-fond in kwistjoni, u sar l-appell minn din id-deċiżjoni; f'dan l-appell saret eċċezzjoni dwar l-illeġittimità tal-persuna ta' Borg Grech stante li ir-raġel kien irritorna f'Malta u ma kienx assuma l-atti f'ismu;

Illi din l-eċċezzjoni ġiet deċiża mill-Onor. Qorti tal-Appell fit-30 ta' Jannar 1989, u Cachia permezz ta' petizzjoni preżentata fit-2 ta' Mejju 1989 talab ir-ritrattazzjoni u din ġiet appuntata u dehret quddiem l-istess imħallfin tal-Appell li kienu ippronunzjaw is-sentenza tat-30 ta' Jannar;

Illi skond il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru, 1989, wara li Cachia qajjem il-punt dwar l-illeġittimità tal-imħallfin talab li jippreżenta nota bil-miktub fejn kellu jissottometti l-

invalidità tal-artikolu 814 bil-konsegwenza li il-ġudikanti li taw l-ewwel sentenza kellhom jastjenu milli jieħdu konjizzjoni tar-ritrattazzjoni;

Illi fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 1989 saret nota minn Cachia fejn talab li l-kwistjoni tar-rikuża u l-inkonsistenza tal-imsemmi artikolu 814 mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, tiġi riferita lill-Prim'Awla a tenur tal-Artikolu 4(3) tal-Att XIV tal-1987;

Illi permezz tad-digriet tagħha tal-15 ta' Jannar, 1990, l-Onor. Qorti tal-Appell ċaħdet din it-talba għaliex: "il-kawża preżenti hija ovvjament kawża bejn individwu u fiha l-Istat ma huwa bl-ebda mod involut"; allura in segwitu Cachia intavola ir-rikors odjern quddiem dina il-Qorti;

Illi bħala konsegwenza tal-ewwel eċċezzjoni sollevata fir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru, fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 1990, il-partijiet qablu li mir-rikors u risposta jiġu kanċellati il-kliem "Sede Kostituzzjonali", u għalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-istess eċċezzjoni preliminari;

Illi, ukoll preliminarjament l-Onorevoli Prim Ministru fir-risposta u fit-trattazzjoni waqt il-kawża irrileva li skond l-artikolu 24 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kull Qorti għandha tiddeċidi: "dwar affarijiet li jkunu (quddiemha)" u "kull rikors għal kull provvediment bħal dan għandu jsir biss lil dik (il-Qorti)"; l-unika eċċezzjoni twieldet mill-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni meta quddiem xi Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali titqajjem kwisjtoni ta' natura kostituzzjonali; f'dan il-każ din il-Qorti għandha biss żewġ toroq: jew tiddeċidi li l-kwistjoni hija frivola jew vessatorja, jew tirreferi il-materja

lill-Prim'Awla għad-deċiżjoni;

Illi huwa issottmetta li jekk il-Qorti tal-Appell iddeċidit li l-kwistjoni kienet frivola jew vessatorja, allura il-proċedura tar-rikors odjern hi forma ta' appell u dan ma hux permess mill-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni: "ma jkunx hemm appell min xi deċiżjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja"; issottometta ukoll li jekk minn-naħa l-oħra il-Qorti tal-Appell ippronunċjat ruħha dwar il-mertu, dan ma sarx skond il-liġi, peress li hi ma kellhiex triq oħra ħlief li tirreferi il-każ lill-Prim'Awla;

Illi il-Qorti ma taqbilx ma din l-eċċezzjoni peress li l-każ li għandha quddiemha ġie intavolat in forza tal-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni fejn kull persuna li tallega ksur ta' xi dritt fundamentali, "tista' bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' issir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju": għalhekk din il-Qorti ma għandhiex tidħol fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell;

Illi f'dan il-każ saret allegazzjoni li parti mill-Kodiċi tal-Proċedura, u ċjoè dik li tippermetti ritrattazzjoni mill-istess imħallfin, tmur kontra id-dritt fundamentali li kull persuna għandha dritt għal smiegħ xieraq quddiem tribunal indipendenti w imparzjali; saret talba għal dikjarazzjoni li parti mill-kliem (dik finali) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12, jivvjola il-Konvenjoni Ewropeja u li għalhekk dik il-parti hija nulla;

Illi inoltre il-Qorti fil-waqt li tirreferi għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-21 ta' Lulju, 1989 in re Anthony Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija, ma tistax taqbel mal-intimati li l-proċeduri odjerni huma nulli anke għaliex il-proċedura adottata

mir-rikkorent per mezz tar-rikors de quo (in forza tal-aritkolu 46(1) tal-Kostituzzjoni) hija awtonoma u differenti mill-istituzzjoni b'riferenza (in forza tal-artikolu 46(3) ) u għalhekk ġara x'ġara qabel, ma jistax jimpedixxi il-preżentata ta' dan ir-rikors; dan il-punt ġie eżawritement u kjarament trattat fl-imsemmija sentenza fejn ingħad li d-dritt taċ-ċittadin li jadixxi il-Prim'Awla għal rimedju meta jallega li hemm jew x'aktarx ikun hemm ksur tal-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, "mhux assoġġettat mill-istess Kostituzzjoni għal ebda limitazzjoni"; tkompli tgħid l-istess sentenza li "dan id-dritt hu mogħti bis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u jiġi eserċitat indipendentement mill-fatt jekk hemm proċeduri oħra pendenti li fihom tista' ssir jew ma ssirx riferenza fit-termini tas-subartikolu (3) tal-istess artikolu";

Illi fid-dawl ta' deċiżjoni riċenti li ittratat b'mod konvinċenti dan il-punt, il-Qorti ma fehmitx għaliex kellu jiġi sollevat mill-ġdid quddiem dina il-Qorti;

Illi l-imsemmi intimat eċċepixxa ukoll li ma kellux jiġi intimat l-Onor. Prim Ministru fil-kawża peress li skond l-artikolu 3(2) tal-Att XIV tal-1987 kull disposizzjoni ta' xi liġi li tmur kontra d-drittijiet fundamentali hemm stabbiliti, hija nulla u bla effett; huwa jikkontendi li ma kienx hemm għalfejn saret talba simili peress li kull Qorti kellha dritt tiddikjara nulla tali disposizzjoni jekk hija tikkonsidra li dina tmur kontra l-istess drittijiet fundamentali;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni peress li għalkemm huwa veru li l-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni jgħidu hekk, però dawn ma jispeċifikawx liema huma l-liġijiet u d-disposizzjonijiet li jmorru kontra id-drittijiet fundamentali. Kieku

kien korrett dan l-argument tal-intimat ma kienx ikun hemm tant kawżi quddiem dina l-Qorti biex jintalbu dikjarazzjonijiet ta' inkostituzzjonalità ta' diversi liġijiet; ovvjament mhux kulħadd jaqbel liema huma id-disposizzjonijiet li jmorru kontra dawk id-drittijiet fundamentli; il-fatt li dawn it-talbiet ġew kontestati mill-kontraditturi leġittimi, juri kemm hemm bżonn li jkun hemm kostatazzjoni definittiva tar-relativa inkostituzzjonalità mill-Qorti kompetenti li f'dan il-każ hija proprju il-Prim'Awla (artikolu 4); bħal ma jidher mill-bosta sentenzi f'kawżi simili, jinħtieġ li jkun hemm dikjarazzjoni ġudizzjarja mill-Qorti kompetenti fuq l-allegata inkonsistenza, u biss din id-dikjarazzjoni iġġib magħha n-non applikabilità tad-disposizzjoni vjolatorja;

Illi t-tielet eċċezzjoni preliminari sollevata waqt it-trattazzjoni tagħmel riferenza għad-deċiżjoni tal-Onor Qorti tal-Appell fejn iddeċidit li t-tqajjim ta' dik il-kwistjoni kienet infondata peress li dik kienet kawża fejn żewġ individwi u l-Istat ma kienx involut; ġie ukoll rilevat li fis-sentenza riċenti (30 ta' Mejju, 1990) Simon Brincat vs Onor. Prim Ministru et, il-Qorti Kostituzzjonali stabbiliet il-prinċipju li l-Istat irid ikun involut, waqt li r-rikors promotur jirrigwarda kawża bejn żewġ individwi;

Illi in vista tal-fatt li r-rikors odjern huwa indipendenti w awtonomu minn dak li ġara preċedentement bejn ir-rikorrent u l-konjuġi Borg Grech, u jinkludi ukoll talba li disposizzjoni tal-liġi tiġi dikjarata nulla, il-Qorti tiċħad din l-eċċezzjoni anke għaliex l-Istat huwa ċertament interessat stante li qed jintalab proprju min għandu r-rimedju opportun għall-allegata vjolazzjoni ta' dritt fundamentali; kif issottometta r-rikorrent, għalkemm il-konjuġi Borg Grech jidhru interessati mill-eżitu tal-preżenti proċedura, imkien ma ntqal li huma responsabbli għal xi ksur

tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent; l-allegat *actus reus* ma humiex l-individwi imma huwa l-istat;

Illi il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tikkunsidra il-veru mertu tar-rikors odjern; dan jirrigwarda is-smiegħ tar-ritrattazzjoni mitluba mir-rikorrent; huwa ibbaża it-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni fuq l-artikolu 811(e) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; dan is-subartikolu jippermetti li kawża tiġi ritrattata: "jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin"; kif ġà intqal fuq, skond l-artikolu 814 tal-istess Kodiċi: "it-talba għar-ritrattazzjoni għandha issir quddiem il-Qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, u jistgħu joqogħdu l-istess imħallfin jew maġistrati"; huma dawn l-aħħar kliem li fuqhom ir-rikorrent qed jibbaża il-lanjanza tiegħu;

Il-Qorti għalhekk trid tikkunsidra jekk l-imħallfin li jkunu taw id-deċiżjoni, jistgħux jibqgħu huma stess jisimgħu u jiddeċidu "jekk is-sentenza (li huma jkunu ippronunċjaw) tkunx applikat il-liġi ħażin", u jekk dan imurx kontra il-prinċipju li kull parti għandha dritt għal *fair hearing before an impartial tribunal*; jiġifieri, jekk dan it-tribunal għandux jiġi konsidrat bħala *"impartial"*;

Illi jiġi sottomess li għalkemm l-artikolu ċitat isemmi *"independent and impartial tribunal"*, ma tqajjmet fl-ebda stadju il-kwistjoni dwar l-indipendenza, u għalhekk il-Qorti sejra tittratta biss il-kwistjoni jekk fil-fattispeċje quddiemha il-Qorti komposta mill-istess imħallfin jissoddisfax ir-rekwiżit ta' "imparzjalità";

Illi mhux kompitu ta' dina l-Qorti li teżamina il-fatti li wasslu għat-talba tar-ritrattazzjoni; huwa aċċertat li r-rikorrent

ipprevala ruħu mid-disposizzjoni tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 u talab ir-ritrattazzjoni; il-Qorti m'hix ser tara jekk setax skond il-liġi jagħmel dan – jekk din it-talba hiex sostenibbli jew le; m'hix ser tikkunsidra jekk ġewx sodisfatti ż-żewġ prinċipji enunċjati fil-kawża Aquilina vs Aquilina (Vol. XLII.I.227), jew jekk għandhiex tintalab ukoll ir-revoka tas-sentenza oriġinali kif deċiż fil-kawża Ciappara vs Zammit deċiża fil-11 ta' Ottubru, 1955;

Inoltre f'dan ir-rikors mhux qed tiġi trattata il-kostituzzjonalità tal-fatt li l-istess imħallfin jisimgħu t-talbiet għar-ritrattazzjoni fid-diversi ċirkustanzi kontemplati fl-artikolu 811 tal-Kap. 16 in ġenerali; hawn il-Qorti trid tiddeċidi biss jekk l-istess imħallfin għandhomx jisimgħu ritrattazzjoni bażata fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi (Art 811(e) );

Illi għalkemm kif issottomettew id-difensuri tal-intimati ma ġiet ċitata ebda sentenza tal-Qorti Ewropeja li ddeċidiet dan il-punt, il-Qorti tifhem li hemm somiljanza kbira mal-prinċipju stabbilit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża l-Onor. Lorry Sant vs Kummissarju tal-Pulizija (2 ta' April, 1990) li anke fejn "the impartiality of the Court was capable of appearing to the applicant to be open to doubt" ikun hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja; f'diversi deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Qorti Ewropeja ġie ritenut li "*there is a violation of the above-mentioned provision of the Convention if the tribunal which has to determine the merits of the charge was capable of appearing open to doubt*" (ara każi Ben Yaacoub, Piersack u DeCubber);

Illi fir-ritrattazzjoni mitluba mir-rikkorrent, l-Imħallfin għandhom jiddecidu jekk meta huma taw id-deċiżjoni tagħhom

tat-30 ta' Jannar, 1989, kinux f'dik id-deċiżjoni applikawx il-liġi ħażina; l-imparzjalità tal-ġudikant tfisser li hu ma jkunx ġà preġudikat fuq il-materja, fis-sens li hu ma jkunx preċedentement ġa ta il-ġudizzju tiegħu fuq l-istess materja;

Illi l-artikolu 811 tal-Kap 12 jelenka tnax-il każ meta tista' tintalab ritrattazzjoni; il-biċċa l-kbira tagħhom jikkontemplaw ċirkustanzi fejn quddiem l-imħallfin jinġiebu fatti ġodda u allura huma jintalbu jirrikonsidraw id-deċiżjoni tagħhom fid-dawl ta' dawk il-fatti ġodda; dan mhux il-każ kontemplat fl-inċiż (e) tal-artikolu 811; hawn il-parti tibbaża il-petizzjoni tagħha fuq l-allegazzjoni li l-istess Qorti kienet bi svista jew bi żball applikat il-liġi ħażin: "jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin";

Illi il-partijiet qablu li ma setgħux isibu kawża waħda fejn intlaqgħet talba għal ritrattazzjoni bażata fuq dan is-subartikolu; il-Qorti ma tikkondividix is-sottomissjoni tal-abbli difensur tar-rikorrent li huwa tant diffiċli jew adirittura kważi impossibbli li ġudikant ibiddel deċiżjoni wara rikonsiderazzjoni u fid-dawl tas-sottomissjonijiet opportuni – din ċertament ma kinitx il-fehma tal-leġislatur meta ntroduċa id-disposizzjoni in eżami;

Illi b'dana kollu, il-punt in kontestazzjoni ma jieqafx hawn; f'diversi deċiżjonijiet Ewropej ġie dejjem aċċettat li "even appearances may be of a certain importance" (każ ta' Delcourt u dawk ċitati aktar 'l fuq); nonstante il-fehma tal-Qorti espressa fil-paragrafu preċedenti, il-persuna konċernata li taf li l-imħallfin ikunu ġà taw deċiżjoni fil-konfront tagħha fuq l-istess punt tkun ġustifikata li per konsegwenza taħseb li jista jkun hemm nuqqas ta' imparzjalità fir-rikonsiderazzjoni tal-istess punt mill-istess imħallfin; fil-fehma tal-Qorti fil-każi fejn ġudikant jintalab jerġa' jikkunsidra deċiżjoni li jkun ta, u dan mingħajr ma jitressqu

quddiemu fatti jew ċirkustanzi ġodda imma biss qed jiġi allegat li huwa applika il-liġi ħażin, ma jistgħax jingħad li juri li jippossjedi dik l-imparzjalità li jitlob l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja; kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza Onor. Sant vs Kummissarju tal-Pulizija, ikun hemm vjolazzjoni ta' dan l-artikolu jekk "il-ġudikant kellu '*a particular tailed knowledge of the file*' u għal din ir-raġuni seta', f'għajnejn l-akkużat, kellu '*a pre-formed opinion which was liable to weigh heavily in the balance*';

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi ir-rikors billi tilqa' it-talbiet tar-rikorrent u tiddikjara li l-kliem ".... u jistgħu joqgħodu l-istess imħallfin jew maġistrati" fi tmiem l-artikolu 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili in kwantu jirreferu għas-subinċiż (e) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 jivvjolaw l-artikolu 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 u konsegwentement is-smiegħ tal-kawża tar-ritrattazzjoni wara l-imsemmija sentenza tat-30 ta' Jannar, 1989, mill-istess imħallfin li ippronunzjawha jivvjola l-istess artikolu, u li għalhekk tiddikjara nulla l-imsemmija parti finali tal-istess artikolu 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;.

L-ispejjes, stante in-natura tal-punt involut u n-novità tiegħu, jitħallsu mir-rikorrent u mill-intimat Onor. Prim Ministru bin-nofs."

Rat ir-rikors preżentat fl-4 ta' Ottubru, 1990, li fih l-Onorevoli Prim Ministru talab lil dina l-Qorti tirrevoka is-sentenza fuq imsemmija u tiddeċidi minflok billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu. Rat ukoll ir-risposta preżentata fit-30 ta' Ottubru, 1990, li fiha Frank Cachia talab ir-riġett tal-appell mill-Onorevoli Prim Ministru u illi is-sentenza

appellata tiġi kkonfermata;.

Rat l-atti kollha tal-kawża u id-dokumenti eżibiti;

Semgħet lill-Avukat tar-Repubbblika Mark Said għall-appellant, lill-Avukati Giovanni Bonello u Pawlu Lia għall-intimat Cachia u lill-Avukat Tonio Azzopardi għall-intimati Borg Grech;

Ikkunsidrat:

Jekk hemm qasam fejn ġudikant isibha diffiċli biex ibiddel il-fehma tiegħu, dan huwa proprju l-qasam ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni ta' xi disposizzjoni ta' liġi;

Biex ikun wasal ħalli jilħaq konklużjoni dwar dan, il-ġudikant jkun ġa għadda minn proċess ta' studju u ħsieb li fl'aħħar stadju tagħhom ikunu wassluh - għal bżonn wara li forsi jkun biddel l-opinjoni tiegħu diversi drabi – għal dik il-konklużjoni li fil-fehma u kuxjenza tiegħu tkun il-waħda korrettament adatta għall-każ;

Il-ġudikant di pjù huwa abitwat illi wara li jkun abbraċċja verżjoni jibqa' jaddottaha bla tibdil minn żmien għal żmien u minn każ għal każ; u ġudikant, hekk abitwat, isibha diffiċli biex jinqala' minn atteġġjament bħal dan li jkun segwa għal ċertu żmien b'konvinzjoni li, wara kull każ, tkompli dejjem tissaħħaħ;

Dana ma jfissirx illi ġudikant huwa daqshekk konservattiv fl-idejat u opinjoni tiegħu dwar il-liġi li jkun qiegħed jistudja u japplika, illi huwa jirrendi ruħu inaċċessibbili għal kritika li f'dibattitut forensi issirlu anke fuq aspetti legali w

interpretazzjonijiet ta' liġi li huwa jkun konsistentement qiegħed jabbraċċja fis-sentenzi li huwa jagħti. Mhux darba kienet illi Il-ġudikanti biddlu l-interpretazzjoni tal-liġi li jkunu ġa taw jew skartaw waħda li kienet qegħda tiġi addottata għal żmien konsiderevoli minn ġudikanti differenti fi żminijiet differenti u forsi anki minnhom stess; l-anqas huwa rari l-każ fejn ġudikant ibiddel il-mod ta' kif japplika il-liġi għall-fatti tal-każ speċifiku li jkollu quddiemu;

Huwa fatt li ma jista' jmerih ħadd, illi ġudikant bħala regola jkollu l-opinjoni tiegħu ta' kif għandha tiġi interpretata u applikata disposizzjoni partikulari ta' liġi u **fil-bidu stess ta' kull proċediment li jittressaq quddiemu għas-smiegħ** u b'dana kollu huwa jibqa miftuħ għal persważjoni meta jiġi mitlub jaċċetta l-versjoni illi l-liġi għandha tiġi interpretata jew applikata b'mod totalment divers minn dak li sa dak il-mument huwa jkun addatta;

Dan kollu premess jinduċi wieħed biex jasal għall-konklużjoni illi it-teżi tal-appellat Cachia għandha tiġi skartata;.

Il-kwistjoni però ma tiqafx hawn. Fil-kawża tal-lum qiegħed jingħad illi il-ġudikant li jkun applika l-liġi għal fatti stabiliti fis-sentenza ma jistax jitqies ġudikant 'imparzjali' meta, f'kawża ta' ritrattazzjoni, huwa stess jiġi biex jiddekreta solennement illi dik tiegħu kienet 'applikazzjoni ħażina tal-liġi' għal dawk l-istess fatti. Hawnhekk non si tratta ta' 'interpretazzjoni ta' liġi'; hawnhekk għandna każ fejn lill-dan il-ġudikant il-parti qegħda tgħidlu: – ''Inti tajt deċiżjoni li – jiena nissottometti bir-rispett kollu – skond il-liġi ma kienx imissek tajt fuq dak il-fatt minnek stess konstatat fl-istess deċiżjoni tiegħek, u issa jiena nippretendi minn għandek illi inti, fl-imparzjalità li inti, ġudikant, f'għajnejja

trid tidher li għandek, trid tafferma solennement illi hekk hu – fis-sentenza li tajt ġiet applikata ħażin il-liġi'';

Ċertament il-parti li titlob ir-ritrattazzjoni għal raġuni bħal din mal-ewwel se jkun jidrilha illi ġustizzja magħha minn dak il-ġudikant difficilment sejra toħodha;

Mill-banda l-oħra l-parti opposta sejra tħares minn angolu divers u sejra tħoss illi hija sa mill-bidu tal-litigazzjoni qegħda b'vantaġġ fuq il-parti l-oħra għaliex mhux sejjer ikun daqshekk faċli għall-ġudikant li jaċċetta li huwa stess kien applika ħażin il-liġi għall-imsemmijin fatti;

Għalhekk, tħares minn fejn tħares lejn il-kwistjoni, fil-verità, tkun kemm tkun sejra issir ġustizzja minn dan il-ġudikant, la f'għajnejn ebda waħda mill-partijiet u l-anqas f'għajnejn il-pubbliku in ġenerali ma ''ikun jidher illi ġustizzja qegħda ssir''.

Biex tiġi skansata kontinġenza ta' dina x-xorta kien ikun aħjar illi kawża ta' ritrattazzjoni tax-xorta ta' dik kontemplata f'din is-sentenza ma tiġix fdata f'idejn l-istess ġudikant li jkun ta d-deċiżjoni li fuqha jkun hemm l-ilment li ssemma;

Għalhekk dik il-parti tal-artikolu 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn hemm provvdut illi ''jistgħu joqgħodu l-istess imħallfin jew magistrati'' li jkunu taw is-sentenza attakkata, għalkemm mhux hekk fil-każijiet l-oħra kollha li jissemmew fl-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn jinfetaħ lok għal ritrattazzjoni, fil-każijiet fejn ir-ritrattazzjoni tkun qegħda tintalab għaliex 'is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin', jiġifieri għal dik ir-raġuni imsemmija fil-paragrafu (e) tal-istess artikolu 811, tidher li m'hix konsona

ma' dak li tipprovdi l-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali fl-artikolu 6(1) fejn jingħad:

"Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligu tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi ....

*Omissis;"*

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 3(2) tal-Att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, jipprovdi kif ġej:

"Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali (definiti fl-artikolu 2 tal-Att – kliem f'din il-parentesi tal-Qorti) għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett;"

Għalhekk, il-funzjoni ta' dina l-Qorti f'din il-kawża għandha tkun limitata għad-dikjarazzjoni illi hemm jew ma hemmx inkonsistenza bejn il-parti imsemmija tal-artikolu 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili mad-disposizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja fuq riprodotta. Il-Qorti ma għandhiex għalfejn tmur iżjed 'il-bogħod għaliex, malli b'sentenza li biha tiġi pronunzjata tali nkonsistenza tkun għaddiet in ġudikat, tieħu effett, b'operazzjoni tal-liġi stess, il-prevalenza tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali proklamati fil-Konvenzjoni Ewropeja

w d-disposizzjoni partikolari imsemmija tal-liġi ordinarja ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hekk pronunzjata nkonsistenti w in kwantu inkonsistenti, tiġi bla effett. Dana r-riżultat jeżimi kull awtorità mill-bżonn li jsiru emendi jew revoki, skond il-każ, ta' liġijiet;

Għal dawna il-motivi il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiddikjara illi l-parti tal-artikolu 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn jingħad "u jistgħu joqogħdu l-istess imħallfin jew magistrati" in kwantu jirreferu għall-każ ta' ritrattazzjoni ta' kawża għar-raġuni illi "is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin" imsemmija fil-paragrafu (e) tal-artikolu 811 tal-istess Kodiċi, hija inkonsistenti ma dak li jiddisponi l-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali imsemmi fl-Ewwel Skeda li hemm ma' l-Att ta' l-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja in kwantu jipprovdi għall-imparzjalità tat-tribunali imsemmijin fl-istess artikolu;

Konsegwentement il-Qorti tordna illi il-kawża tiġi rimessa lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sabiex tiġi trattata u deċiża minn tlett imħallfin li ma jkunux dawk li ddeċidew il-kawża imsemmija fuq fit-30 ta' Jannar, 1989, u li tagħha qegħda tintalab ir-ritrattazzjoni;

L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiż mill-ewwel Qorti, dawk ta' din l-istanza, stante n-natura tal-każ jitħallsu, kwart mill-appellat Cachia u tlett kwarti mill-appellant; l-appellati Borg Grech ibatu l-ispejjeż tagħhom.